MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 2733/1999/1

**Edward u Anna konjugi Cachia**

**v.**

**Touring Mediterraneo Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-10 ta' April 2003 dwar responsabbilta` ta' agenzija ta' l-ivjaggar. L-atturi talbu lil dik il-Qorti:

1. taqta’ u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta naqset fil-konfront ta’ l-atturi illi tipprovdi s-servizz li hallsu ghalih u frott ta’ dan in-nuqqas soffrew danni;

2. tillikwida d-danni subiti mill-atturi anke bhala kumpens talli sfrattalhom l-vaganza taghhom kagun ta’ tali agir kif ukoll l-ammont ta’ rifuzjoni tal-prezz li ghandhom jiehdu;

3. tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat.

2. L-ewwel Qorti ddecidiet il-vertenza billi cahdet l-ecceccjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u qalet illi kien bi htija tas-socjeta` konvenuta illi l-atturi ma hadux is-servizz li hallsu ghalih; illikwidat id-danni li garrbu l-atturi fis-somma ta’ elf u sitt mitt lira (Lm1,600) u elf u tlieta u erbghin dollaru Amerikan u erbatax-il *cent* ($1,043.14); u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi elf u sitt mitt lira (LM1,600) u daqskemm jiswew bil-kambju tal-lum elf u tlieta u erbghin dollaru Amerikan u erbatax-il *cent* ($1,043.14).

3. Din il-Qorti ser tirriproduci s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fl-intier taghha ghax minnha johorgu kemm il-premessi fic-citazzjoni kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, il-fatti tal-kawza u r-ragunamenti li wasslu lill-ewwel Qorti li tiddeciedi kif iddecidiet:

“Din il-kawza hija dwar responsabbiltà ta’ agenzija ta’ l-ivvjaggar.

“Ic-citazzjoni tghid illi l-atturi xtraw minghand is-socjetà konvenuta u hallsu ghal *cruise* fil-Karibew bil-prezz ta’ elf u sitt mitt lira (Lm1,600). Is-socjetà konvenuta, izda, naqset mid-dmir taghha li tara illi d-dokumenti u visi kollha mehtiega ghal dan il-*cruise* kienu kif kellhom ikunu, u dan ghalkemm rat il-visi ta’ l-atturi u ikkonfermat li kienu tajbin: naqset ghax ma gharrfitx lill-attur Edward Mario Cachia illi kellu biss *single entry visa* u minhabba f’hekk ma setax isiefer biex imur fuq il-*cruise* li kien xtara minghand is-socjetà konvenuta.

“Minhabba f’dan in-nuqqas, meta l-atturi waslu biex jitilghu fuq il-bastiment *Enchantment of the Seas* f’Miami, fil-Florida, l-attur ma thalliex jitla’. L-atturi ghalhekk ma setghux jitilghu fuq il-bastiment u kellhom jigu lura Malta.

“Minhabba f’hekk l-atturi ma hadux il-prodott u s-servizzi li kienu hallsu ghalihom, u sofrew ukoll danni ghax kellhom jaghmlu aktar spejjez minhabba fin-nuqqas tas-socjetà konvenuta.

“Billi ghalxejn kemm-il darba sejhu lis-socjetà konvenuta biex trodd il-prezz li hallsu u taghmel tajjeb ghad-danni, l-atturi fethu din il-kawza u qeghdin jitolbu illi din il-qorti:

1. tghid illi s-socjetà konvenuta naqset milli taghti lill-atturi s-servizz li hallsu ghalih, u illi minhabba f’dan in-nuqqas l-atturi garrbu danni;

2. tillikwida d-danni li garrbu l-atturi, ukoll bhala kumpens talli sfrattatilhom il-vakanza, barra mir-radd tal-prezz; u

3. tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat, flimkien ma’ l-ispejjez tal-kawza.

“Is-socjetà konvenuta ressqet dawn l-eccezzjonijiet:

1. it-talbiet ta’ l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghax is-socjetà konvenuta ma ghandha ebda dmir li tara illi l-atturi kellhom il-visi mehtiega biex imorru l-Amerika; u

2. kienet responsabbiltà ta’ l-atturi wehedhom, meta ghamlu talba fl-ambaxxata ghall-visi, li jaraw li kellhom id-dokumenti u l-visi mehtiega biex imorru Miami biex jimbarkaw fuq il-*cruise*.

“Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

“L-atturi thajru jmorru *cruise* fil-Karibew, u ghamlu l-prenotazzjonijiet u xtraw il-biljetti minghand is-socjetà konvenuta, li ghandha negozju ta’ agenzija tal-vjaggi. Il-pjan kien li jmorru minn Malta lejn Frankfurt u minn

Frankfurt ghal Miami. F'Miami kellhom jimbarkaw fuq bastiment li, wara li jaghmel *cruise* fil-Karibew, kellu jmur lura Miami, biex minn hemm imbaghad l-atturi jergghu jaqbdu l-ajruplan ghal Frankfurt u lura lejn Malta.

"Peress illi, biex jidhlu fl-Istati Uniti, l-atturi kienu jehtiegu visa, l-attur ghamel talba ghal visa fl-ambaxxata. Il-visi ta' l-attrici u ta' bin l-atturi nhargu ghal "*multiple entries*"[1], izda dik ta' l-attur inharget ghal "*single entry*"[2] biss. Ir-raguni kienet illi kontra l-attur kienu ghaddejjin xi proceduri kriminali fil-qorti f'Malta.

"L-attur ighid illi kien wera l-passaport tieghu bil-visa lil rapprezentant tas-socjetà konvenuta u staqsieh biex jara kienx kollox sew[3], izda r-rapprezentant tas-socjetà konvenuta jichad dan[4].

"Gara illi meta l-atturi u binhom waslu Miami u gew biex jimbarkaw fuq il-bastiment lill-attur ma hallewhx jitla' ghax, billi kellu visa biex jidhol darba biss fl-Istati Uniti, ma kienx ikun jista' jidhol darba' ohra meta l-bastiment imur lura Miami fi tmiem il-*cruise*. L-attrici u binhom ma kinux sejrin imorru wehedhom, u ghalhekk l-atturi tilfu l-*cruise*; kellhom jibqghu Miami u kellhom jonfqu l-flus ghal lukanda u biex jibdlu l-biljetti ta' l-ajru lura lejn Malta.

"Il-kwistjoni issa hi min jahti ghal dawn il-grajjiet, jew, ahjar, min kellu r-responsabbiltà li jara li l-atturi kellhom id-dokumenti kollha mehtiega biex setghu jaghmlu l-vjagg li kienu ippjanaw flimkien mas-socjetà konvenuta.

"Is-socjetà konvenuta tghid illi hi ma ghandha ebda responsabbiltà dwar visi u dokumenti ohra; qieghda tistrieh fuq patt ta' ezoneru fuq il-*brochure* tal-*cruises* illi jghid hekk:

---

1 *Foll.* 7 *et seq.*
2 *Fol.* 7.
3 Ara l-*affidavit* ta' l-attur mahluf fl-14 ta' {unju 2001, *fol.* 29; ara wkoll ix-xhieda ta' l-attur waqt is-seduta tat-2 ta' Novembru 2001, *foll.* 45 *et seqq.*
4 Ara l-*affidavit* ta' Alexander Eminyan mahluf fit-22 ta' Frar 2002, *foll.* 71 *et seq.*

"All travel documents such as passports, visas, proof of citizenship, etc., that are required for embarkation and disembarkation at the various ports of call are the responsibility of the passenger. Please check with your travel agent, government agencies, embassies or consulates to determine documentary requirements.

"Passengers will not be allowed to board the vessel without proper documentation, and no refund of cruise fare will be given to any passenger failing to bring such documentation.[5]

"Dan il-patt, izda, jirregola r-relazzjoni bejn il-passiggier u l-bastiment. L-atturi ma humiex qeghdin ifittxu lill-bastiment izda lis-socjetà konvenuta *proprio*. Il-patt ma jolqotx ir-relazzjoni bejn l-atturi u s-socjetà konvenuta, u ghalhekk is-socjetà konvenuta ma tistax tistrieh fuqu. Anzi, meta s-socjetà konvenuta qieghda taghti lill-atturi *brochure* li jheggighom biex jistaqsu lill-agent tal-vjaggi dwar id-dokumenti mehtiega ("*Please check with your travel agent… … … to determine documentary requirements*") qieghda tipprezenta lilha nfisha bhala persuna li tista' taghtihom dak it-taghrif u li jistghu joqoghdu fuqu.

"Alexander Eminyan, direttur tas-socjetà konvenuta, xehed illi kien jaf illi kienu ghaddejjin proceduri kriminali kontra l-attur u ghalhekk deherlu li kien importanti li jfakkar lill-attur b'mod partikolari dwar il-htiega ghal visa, ghax deherlu illi l-fatt li kienu ghaddejjin dawk il-proceduri seta' kellu relevanza ghall-hrug tal-visa[6]. Ghalhekk il-qorti x'aktarx temmen lill-attur meta dan qal illi wera l-passaport tieghu bil-visa fih lil Eminyan biex jaralu kienx kollox sew, u Eminyan, bhala rapprezentant tas-socjetà konvenuta, li kienet organizzat il-vjagg u kienet taf, jew kien imissha tkun taf, x'kien mehtieg, kien imissu gharraf lill-attur illi bil-visa li kellu ma setax imur ghal dak il-vjagg.

---

5 *Fol*. 57, pagna 79 tal-*brochure*.

6 Ara l-*affidavit* ta' Alexander Eminyan mahluf fit-22 ta' Frar 2002, *fol*. 71, u x-xhieda tieghu fis-seduta tas-27 ta' {unju 2002, *foll*. 79 *et seq*.

"Il-qorti ghalhekk taqbel ma' l-atturi illi s-socjetà konvenuta naqset meta ma qaltilhomx illi ma kellhomx id-dokumenti kollha mehtiega, u ghandha taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas.

"Ghall-ghanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni, il-qorti b'dikriet tat-2 ta' Novembru 2001[7] ordnat lill-atturi jesebixxu prospett b'notifika lis-socjetà konvenuta li jkollha xahrejn min-notifika biex taghmel l-osservazzjonijiet dwaru. Il-prospett kien ipprezentat fit-3 ta' Dicembru 2001 u notifikat fis-6 ta' Dicembru 2001[8]. Is-socjetà konvenuta ma ghamlet ebda osservazzjoni dwaru u ghalhekk il-qorti tifhem li ma ghandha ebda kontestazzjoni. Il-qorti ghalhekk sejra toqghod fuq il-prospett imhejji mill-atturi li juri li d-danni li garrbu huma dawn:

| | | |
|---|---|---|
| • biljetti ghall-*cruise* li ntilfu | Lm 1,600.00 | |
| • spejjez ta' *taxi* f'Miami | | $ 211.00 |
| • ikel | | $ 305.00 |
| • telefonati | | $ 25.00 |
| • *rebooking fee* ghat-titjiriet lura | | $ 315.00 |
| • lukanda f'Miami | | $ 187.14 |
| B'kollox | Lm 1,600.00 | $1,043.14 |

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti taqta' l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta, u tghid illi kien bi htija tas-socjetà konvenuta illi l-atturi ma hadux is-servizz li hallsu ghalih, tillikwida d-danni li garrbu l-atturi fis-somma ta' elf u sitt mitt lira (Lm1,600) u elf u tlieta u erbghin dollaru amerikan u erbatax-il *cent* ($1,043.14), u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-atturi elf u sitt mitt lira (Lm1,600) u daqskemm jiswew bil-kambju tallum elf u tlieta u erbghin dollaru amerikan u erbatax-il *cent* ($1,043.14), flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza."

**L-appell**

7 *Foll.* 34 *et seq.*
8 *Fol.* 58.

**4.** Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta. L-aggravji taghha huma bazikament tnejn (ghalkemm imqassma f'diversi paragrafi), u cioe`:

1. illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata f'apprezzament tal-fatti meta kkonkludiet illi s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli biex taccerta illi l-atturi kellhom l-visi mehtiega ghall-vjagg li riedu jaghmlu; u

2. illi l-ewwel Qorti emmnet lill-attur appellat meta dan qal li hu kien wera l-passaport tieghu bil-visa lil Alex Eminyan, id-direttur tas-socjeta` konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**5.** Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza. Kwantu ghall-ewwel aggravju, is-socjeta` appellanti tissottometti li hi ma kellhiex tinsab responsabbli ta' dak li gara ghax ma kellha ebda obbligu li taccerta ruhha li l-atturi kellhom il-visi kollha necessarji sabiex jaghmlu l-vjagg li kienu pprenotaw maghha.

**6.** Is-socjeta` appellanti hija agenzija ta' l-ivjaggar, u ghalhekk wiehed irid jara l-ligi applikabbli li kienet tirregola tali agenziji fiz-zmien li sehh l-incident in kwistjoni u cioe` f'Novembru 1998. Dak iz-zmien kien applikabbli l-Att dwar l-Agenzji ta' l-Ivvjagar u Servizzi tal-Lukandi ta' l-1976 (Kap. 264)[9]. Skond l-Artikolu 2 ta' dan l-Att "agent ta' l-ivvjaggar" *"tfisser persuna li jkollha licenzja biex tiehu hsieb tipprovdi ghal rimunerazzjoni, lil turisti u lil membri ohra tal-pubbliku, sew individwalment kif ukoll fi gruppi u sew f'Malta kif ukoll barra minn Malta, allogg f'lukanda, jew f'guest house, jew f'hostel jew f'post ghall-btala u dawk is-servizi l-ohra maghduda facilitajiet ghall-ivvjaggar bil-bahar, bl-ajru jew bl-art, pariri professjonali fuq turizmu u l-hwejjeg l-ohra kollha li normalment ikollhom x'jaqsmu*

[9] Il-Kap 409 (Att dwar is-Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghall-Malta) li ghalih jaghmlu referenza l-appellati fir-risposta taghhom, gie promulgat bl-Att XII ta' l-1999, u ghalhekk wara l-incident li ta lok ghal din il-vertenza.Dan l-Att, cioe` il-Kap. 409, gie fis-sehh biss fil-31 ta' Mejju 2002 – ara l-A.L. 123/2002

<u>*ma' l-industrija tat-turizmu*</u> *... ...*" (enfasi mizjuda). Minn din id-definizzjoni jidher car illi l-obbligu ta' agent ta' l-ivvjaggar ma hux biss dak li jaghmel il-prenotazzjonijiet necessarji ghall-klijent tieghu, izda wkoll dak li jaghtih pariri dwar l-hwejjeg l-ohra kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-vjagg. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-visi necessarji sabiex persuna zzur pajjiz huma wahda mill-affarijiet fundamentali li agent ta' l-ivvjaggar huwa mistenni, skond id-disposizzjoni appena citata, li jaghti "parir professjonali" dwarhom lill-klijent; u konsegwentement jekk agent ta' l-ivjaggar jassumi l-obbligu, anke jekk biss implicitament, li jivverifika, bhala *sine qua non* ghall-vjagg prenotat, li l-visi li l-klijent ikollu ikunu idonei proprju ghal dak il-vjagg, huwa jidhol responsabbli ghall-konsegwenzi jekk jirrizulta li tali dokumenti ma jkunux adegwati.

**7.** Dan japplika iktar u iktar fil-kaz odjern, meta kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, is-socjeta` appellanti tat lill-atturi appellati *brochure* li jheggighom biex jistaqsu lill-agent tal-vjaggi dwar id-dokumenti mehtiega ghall-imbarkazzjoni u zbark fid-diversi portijiet: *"Please check with your travel agent ... ... to determine documentary requirements"* [10] u b'hekk ipprezentat ruhha bhala persuna li tista' taghtihom dak it-taghrif u li jistghu joqoghdu fuqu. Minn dan jidher car li bejn is-socjeta` appellanti u l-appellati nholoq rapport ta' kuntratt, li fih is-socjeta` appellanti, una volta li accettat li tezegwixxi l-istruzzjonijiet lilha moghtija mill-attur appellat, ghal remunerazzjoni, fuq il-*cruise* li xtaq jaghmel, kellha l-obbligu li taccerta ruhha u tivverifika *inter alia* li l-attur kellu d-dokumenti kollha necessarji sabiex hu u l-familja tieghu setghu effettivament imorru fuq dan il-*cruise*. Anki jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, wiehed kellu jistrieh biss fuq ix-xiedha ta' Alex Eminyan, direttur tas-socjeta` appellanti, jirrizulta li ghalkemm dan mill-ewwel wissa lill-attur li ghandu bzonn visa ghall-Amerika mill-Ambaxxata Amerikana[11], ma jirrizultax li huwa informa lill-attur li jezistu diversi tipi ta' visa.  In oltre *ex admissis* huwa lanqas hass in-necessita` li jara l-visi li gab l-attur mill-Ambaxxata Amerikana u dan nonostante li huwa kien

[10] Ara pagna 79 tal-*brochure* ezibit a fol. 57 tal-atti that l-intestatura "What travel requirements and forms of identification are needed?"
[11] Ara affidavit ta' Alexander Eminyan a fol. 71 tal-process.

konsapevoli li jista' jkun hemm xi komplikazzjonijiet la darba kien hemm proceduri kriminali pendenti kontra l-attur[12].

**8.** Gialadarba s-socjeta` appellanti *ex admissis* naqset mill-obbligu taghha li tivverifika li l-appellati kellhom l-visi necessarji sabiex l-appellati ikunu jistghu imorru ghall-*cruise* li kienu ibbukjaw, hija responsabbli ghad-danni kagunati lill-appellati minhabba dan in-nuqqas taghha, u dan ai termini ta' l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Ghalhekk dana l-ewwel aggravvju ghandu jigi michud.

**9.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet sa issa maghmula, ma hux necessarju li din il-Qorti tikkunsidra t-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti.

**<u>Decide</u>**

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[12] Ara kontro-ezami ta' Alexander Eminyan a fol. 79-80 u fol. 85 tal-process.